Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' April 2024
(OR. en)

8350/24
PV CONS 17
AGRI 296
PECHE 133

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(**Agrikoltura** u **Sajd**)

26 ta' Marzu 2024

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tidher fid-dokument 7899/24.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**(a) Lista mhux leġiżlattiva** 7982/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**(b) Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 7984/24

**Agrikoltura**

**1. Regolament dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-iskemi ta' kwalità** ❶C 7418/24 + ADD 1 PE-CONS 72/23

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 118 TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

**Riċerka**

**2. Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa** ❶C 7609/24 PE-CONS 98/23 RECH

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 185 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188 TFUE).

**Telekomunikazzjoni**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **3.** | **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* | ❶C | 7570/24<br>PE-CONS 68/23<br>+ COR 1<br>TELECOM |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

**Kultura/Materji Awdjoviżivi**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **4.** | **Regolament dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* | ❶C | 7962/1/24 REV 1<br>+ ADD 1 REV 1<br>PE-CONS 4/24<br>AUDIO |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Ungerija tivvota kontra (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).
id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **5.** | **Direttiva Daisy Chains**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* | ❶C | 7608/24<br>PE-CONS 94/23<br>EF |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

**Ġustizzja u Affarijiet Interni**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **6.** | **Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* | ❶C | 7649/24 + ADD 1<br>+ ADD 1 COR 1<br>PE-CONS 82/23<br>+ COR 2<br>COPEN |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bl-astensjoni tal-Ġermanja, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 83(2) TFUE).

F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni.

id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

AGRIKOLTURA

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. Tweġibiet rapidi u strutturali għas-sitwazzjoni attwali ta' kriżi fis-settur agrikolu: segwitu tad-deċiżjonijiet meħudin mill-Kummissjoni — 8027/24
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*
*Skambju ta' fehmiet*

4. Is-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna[1] — 8058/24
*Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri*
*Skambju ta' fehmiet*

**Affarijiet oħra**

**5.** Agrikoltura

a) Sejħa urġenti għal azzjoni: Sfidi għall-impriżi agrikoli u tal-forestrija Ewropej maħluqa mir-Regolament dwar id-Deforestazzjoni fil-kuntest tal-kriżi agrikola attwali — 8028/24
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka, appoġġata mid-delegazzjoni Finlandiża, Pollakka, Slovakka, Slovena, Taljana u dik Żvediża*

b) Eżitu tal-laqgħa tal-Ministri Nordiċi-Baltiċi responsabbli għall-Agrikoltura (Trakai, il-Litwanja, 21 ta' Frar 2024) — 8018/24
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana, f'isem id-delegazzjoni Daniża, Estonjana, Finlandiża, Latvjana, Litwana u dik Żvediża*

**c) Eżitu tal-avvenimenti tal-Presidenza dwar il-futur tal-agrikoltura u tal-PAK** — 8021/24
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-eżitu tal-avvenimenti li kienet organizzat dwar il-futur tal-agrikoltura u l-PAK. Huwa ħa nota wkoll tat-tweġiba tal-Kummissjoni kif ukoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

[1] Fil-preżenza tal-Ministru Ukren għall-Politika Agrarja u l-Ikel.

d) Kandidatura Franċiża għall-kariga ta' Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) — 7978/24
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża*

e) **Simpożju "Call to Care for Animal Welfare" (Brussell, 29 ta' Jannar 2024): tagħlimiet meħuda u t-triq 'il quddiem** — 8025/24
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-simpożju intitolat "Call to Care for Animal Welfare". Ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

f) **Proposti leġiżlattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)
**(Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom)**

**L-importanza li s-settur agroalimentari jiġi mgħammar bi strateġiji ġodda ta' tnissil tal-pjanti bbażati fuq tekniki ta' editjar tal-ġenoma, sabiex jissaħħu s-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-profittabbiltà tiegħu** — 8035/1/24 REV 1
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola, appoġġata mid-delegazzjoni Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, **Irlandiża**, Netherlandiża, Portugiża, Taljana u dik Żvediża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Spanjola, appoġġata mid-delegazzjoni Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Irlandiża, Netherlandiża, Portugiża, Taljana u dik Żvediża dwar l-importanza li s-settur agroalimentari jingħata strateġiji ġodda għat-tnissil tal-pjanti, ibbażati fuq tekniki ta' editjar tal-ġenoma, biex jissaħħu s-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-profittabbiltà tiegħu. Il-Kunsill ħa wkoll nota wkoll tar-reazzjonijiet ta' diversi delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

Sajd

**g) Eżami tal-pilastru soċjoekonomiku fil-ġestjoni tas-sajd fid-dawl tas-sentenza fil-Kawża C-330/22** ⑵ 7846/2/24 REV 2
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola, appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Litwana, Pollakka u dik Portugiża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Spanjola, u appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Litwana, Pollakka u dik Portugiża, dwar konsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi fil-ġestjoni tas-sajd fid-dawl tas-sentenza fil-kawża tal-qorti C-330/22, kif ukoll tal-kummenti magħmula minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

**h) Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u Appoġġ - Kumpens f'Każ ta' Avvenimenti Eċċezzjonali - segwitu** ⑵ 8077/24
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża, f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Ċiprijotta, Franċiża, Maltija, Pollakka, Portugiża, Spanjola u dik Ungeriża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Portugiża, f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Ċiprijotta, Franċiża, Maltija, Pollakka, Portugiża, Spanjola u dik Ungeriża, dwar is-segwitu għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u l-Appoġġ – Kumpens f'Każ ta' Avvenimenti Eċċezzjonali, kif ukoll tal-kummenti magħmula minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

---

❶ L-ewwel qari

Ⓒ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

⑵ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 7984/24**

**Dwar il-punt "A" nru 1:** **Regolament dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-iskemi ta' kwalità**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL**

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jissottolinjaw li l-proċeduri kollha relatati mal-indikazzjonijiet ġeografiċi rregolati minn dan ir-Regolament għandhom jibqgħu taħt ir-responsabbiltà unika tal-Kummissjoni.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnotaw li l-Kummissjoni tista' tiġi assistita, biss fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' kompiti amministrattivi, jekk u sa fejn dan ikun possibbli taħt il-qafas legali eżistenti.

Għall-fini tat-trasparenza, il-Kummissjoni hija mħeġġa tinforma kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-assistenza riċevuta fl-eżerċizzju ta' dawk il-kompiti."

**Dwar il-punt "A" nru 4:** **Regolament dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MINN FRANZA**

"Franza tfakkar fl-impenn sod tagħha għal-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media, li huma l-pilastri tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll l-impenn sod tagħha li tipproteġi l-prinċipji u l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
Il-protezzjoni ta' dawn il-valuri taqa' fil-kuntest previst mit-Trattati, b'mod partikolari l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tiegħu."

F'dan ir-rigward, l-Unjoni "[…] tirrispetta l-funzjonijiet essenzjali tal-Istat, inkluż l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat, iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali. B'mod partikolari, is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru."

F'dan l-ispirtu, u f'konformità mal-Artikolu 4(9) ta' dan ir-Regolament, Franza tfakkar li l-Istati Membri biss jistgħu jiżguraw li s-sigurtà nazzjonali tagħhom tiġi salvagwardata. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għalhekk ma jistgħu bl-ebda mod jaffettwaw l-eżerċizzju sħiħ ta' din ir-responsabbiltà u l-miżuri meħuda f'dan il-kuntest.

Barra minn hekk, Franza tinnota li dan ir-Regolament, ibbażat fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma jistax ikollu l-effett li jarmonizza r-regoli tal-proċeduri kriminali. Konsegwentement, il-kunċetti ewlenin tal-proċedura kriminali, inkluż dik tal-kriminalità serja, u tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(3) u (4), huma u għandhom jibqgħu definiti skont id-dritt ta' kull Stat Membru."

**DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA**

"L-Italja tappoġġa bil-qawwa l-inizjattivi tal-Unjoni Ewropea maħsuba biex jippromwovu l-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media, kif ukoll biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni u t-tentattivi ta' interferenza fis-sistema ta' informazzjoni minn Stati terzi.

Il-protezzjoni ta' dawn il-valuri taqa' fil-qafas stabbilit fit-Trattati, b'mod partikolari l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tiegħu, li skontu l-Unjoni "… għandha tirrispetta l-funzjonijiet Statali essenzjali tagħhom, inkluż dawk li jassiguraw l-integrità territorjali tal-Istat, iż-żamma tal-ordni pubbliku u l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali. B'mod partikolari, is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru".

F'dan l-ispirtu, u f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Libertà tal-Media, l-Italja tfakkar li huwa biss f'idejn l-Istati Membri li jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali tagħhom. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għalhekk ma jistgħu bl-ebda mod jaffettwaw l-eżerċizzju sħiħ ta' din ir-responsabbiltà u l-miżuri meħuda f'dan il-kuntest.

Barra minn hekk, kif indikat il-Kummissjoni Ewropea f'dikjarazzjoni interpretattiva tar-Regolament, l-Italja tinnota li dan ir-Regolament, ibbażat fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ma jistax ikollu l-effett li jarmonizza r-regoli tal-proċedura kriminali. Konsegwentement, il-kunċetti ewlenin tal-proċedura kriminali, inkluż dik tal-kriminalità serja, u tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(3) u 4(5), huma u għandhom jibqgħu definiti skont id-dritt ta' kull Stat Membru."

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija hija impenjata li titratta b'mod xieraq il-kwistjonijiet regolati fil-proposta tal-EMFA, bħall-iżgurar tal-indipendenza editorjali, l-esklużjoni tas-sorveljanza sigrieta tal-ġurnalisti fir-rigward tas-sorsi ġurnalistiċi, jew ir-riforma tad-dispożizzjonijiet dwar il-media pubblika. Aħna nqisu l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għal kontenut divers tal-media bħala valur importanti. Aħna nilqgħu r-regolamentazzjoni tal-pjattaformi kbar li jidher fil-proposta.

Madankollu, minħabba l-istrutturi differenti tal-media tal-Istati Membri, għadna nżommu l-pożizzjoni tagħna kif iddikjarata ripetutament, li jkun mixtieq li jinħolqu biss regoli u prinċipji ġenerali, ta' garanzija għall-oqsma legali rregolati fl-EMFA. Għalhekk, direttiva jew rakkomandazzjoni tkun strument regolatorju aktar xieraq minn regolament.

Aħna indikajna wkoll diversi drabi matul in-negozjati li fl-opinjoni tagħna, il-proposta tirrappreżenta intervent fis-sovranità tal-Istati Membri f'ħafna punti, u l-bażi legali speċifikata ma tipprovdix ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-adozzjoni tar-Regolament fir-rigward tal-artikoli kollha tiegħu. Id-dritt ta' opinjoni tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media li għandu jiġi stabbilit mill-EMFA jikser il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Fl-opinjoni tagħna, il-fattibbiltà prattika tal-indipendenza tal-Bord mill-Kummissjoni wkoll tqajjem mistoqsijiet. Id-dispożizzjonijiet ta' natura tad-dritt kriminali li jinsabu fl-Artikolu 4 jistgħu jikkawżaw inċertezza legali minħabba s-sistemi differenti tal-proċedura kriminali fl-Istati Membri. Hemm bżonn ta' aktar flessibbiltà u spazju għall-interpretazzjoni f'dawn id-dispożizzjonijiet sabiex jiġu indirizzati d-differenzi fis-sistemi tal-proċedura kriminali tal-Istati Membri."

## DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"L-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media ("EMFA") ma għandux l-għan li jarmonizza l-kunċetti ewlenin tal-proċedura kriminali kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) tal-EMFA, u kif spjegat fil-Premessa 22 tal-EMFA.
L-awtoritajiet ta' investigazzjoni ġudizzjarja li jaġixxu b'mod indipendenti u imparzjali, kif iċċarat fil-Premessa 21 tal-EMFA, huma l-awtoritajiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet kompetenti skont id-dritt nazzjonali li jirrikorru għall-miżuri koerċittivi msemmija fl-Artikolu 4(3) tal-EMFA."

| **Dwar il-punt "A" nru 6:** | **Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali** *Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |
|---|---|

## DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Il-Bulgarija tappoġġa bis-sħiħ l-objettivi tal-proposta għad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali.

Madankollu, fir-rigward tar-"reat kwalifikat" skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 3 tad-Direttiva li ġie introdott matul in-negozjati interistituzzjonali, nixtiequ nesprimu t-tħassib tagħna dwar in-nuqqas ta' ċarezza fid-dispożittiv fir-rigward tal-element *mens rea* tar-reat, jiġifieri jekk jistax jitwettaq biss intenzjonalment jew ukoll b'negliġenza serja. Barra minn hekk, ninsabu mħassba dwar in-nuqqas ta' ċarezza suffiċjenti fid-dispożittiv u fil-preambolu fir-rigward tal-korrelazzjoni bejn ir-reat kwalifikat u ċ-ċirkostanzi aggravanti skont l-Artikolu 8 u l-livell u t-tip ta' sanzjonijiet jew miżuri li għandhom jiġu applikati għar-reat kwalifikat (Artikolu 7, il-paragrafu 4). Aħna tal-fehma li n-nuqqas ta' ċarezza msemmija hawn fuq jista' jwassal għal diffikultajiet serji għall-Istati Membri fit-traspożizzjoni tad-Direttiva u fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rispettiva.

Jiddispjaċina wkoll li t-tħassib tagħna dwar l-approċċ differenzjat fis-sanzjonar ta' persuni ġuridiċi, skont jekk ir-responsabbiltà tagħhom tiġix skattata skont il-paragrafu 1 jew skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 6, ma ġiex indirizzat matul in-negozjati (Artikolu 7, il-paragrafu 3). Diġà indikajna li approċċ differenzjat fis-sanzjonar ta' persuni ġuridiċi jkollu konsegwenzi negattivi, bħal: kunflitt mal-prinċipju ta' reġim ta' sanzjonar unifikat applikat għal persuni ġuridiċi li huwa stabbilit mill-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, in-NU u l-OECD u ksur ulterjuri tal-konsistenza u l-koerenza tal-leġiżlazzjoni tal-UE fir-rigward ta' din il-kwistjoni; konfużjoni kunċettwali, leġiżlattiva u prattika fl-Istati Membri li ħadu miżuri f'konformità mal-istandards internazzjonali u Ewropej stabbiliti bħalissa; messaġġ lill-Istati Membri li jistgħu jadottaw sanzjonijiet korporattivi inqas effettivi, proporzjonati u dissważivi għal reati ambjentali mwettqa minn persuni taħt awtorità, anke jekk ir-reati kriminali jitwettqu għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika u jikkawżaw danni serji; il-possibbiltà ta' użu ħażin mill-persuni ġuridiċi li jistgħu faċilment jorganizzaw it-twettiq ta' reati ambjentali b'mod li jiġi evitat sanzjonar effettiv; u l-potenzjal għal għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni.

Fl-aħħar nett, aħna nesprimu tħassib li matul ir-reviżjoni lingwistika tat-test bl-Ingliż it-terminu "sanzjonijiet" ġie sostitwit bit-terminu "pieni" fid-dispożizzjonijiet rispettivi u fil-preambolu tad-Direttiva mingħajr ma ġew ipprovduti raġunijiet lingwistiċi jew legali sostanzjali għal din il-bidla terminoloġika importanti. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni aħna nsemmu li t-terminu "sanzjonijiet" jintuża b'mod konsistenti fid-direttivi b'rabta mad-dritt kriminali u l-konvenzjonijiet internazzjonali adottati fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa, in-NU u l-OECD, u s'issa ma kkawżax interpretazzjoni ħażina jew konfużjoni fil-livell tal-UE jew f'dak nazzjonali. Barra minn hekk, it-terminu "sanzjonijiet" jintuża fid-dispożizzjoni tal-Artikolu 83, il-paragrafu **2** TFUE u għalhekk il-bidla terminoloġika msemmija hawn fuq mhix konsistenti mal-bażi legali għall-proposta għad-Direttiva."

**DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA**

"Il-Finlandja hija impenjata bis-sħiħ li tistinka għal livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u tirrikonoxxi d-dritt kriminali bħala wieħed mill-mezzi biex jintlaħaq dan l-għan. Tul in-negozjati, il-Finlandja appoġġat bis-sħiħ l-objettivi tal-proposta għad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali. Madankollu, il-Finlandja tqis li l-ftehim dwar id-Direttiva l-ġdida jinkludi obbligi li ma jallinjawx b'mod adegwat ma' xi wħud mill-prinċipji bażiċi tad-dritt kriminali tal-UE.

L-ewwel nett, l-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni. Skont l-Artikolu 49(3), is-severità tal-piena ma għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat. Filwaqt li l-Finlandja tqis li huwa importanti li fid-Direttiva jiġu inklużi dispożizzjonijiet solidi dwar ir-responsabbiltà kriminali u l-pieni, il-Finlandja tqis li l-armonizzazzjoni tal-pieni fid-Direttiva tmur parzjalment lil hinn minn dak li huwa ġġustifikat fir-rigward tal-firxa u l-livell tal-pieni u s-sistemi eżistenti tal-Istati Membri. Meta jiġu ddeterminati livelli komuni ta' sanzjonijiet, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil-livell ġenerali ta' severità tar-reġimi ta' sanzjonijiet nazzjonali, kif ukoll lill-koerenza tas-sistemi nazzjonali b'mod kollettiv.

Barra minn hekk, il-fini ewlieni tal-Artikolu 83 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa l-istabbiliment ta' regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet. L-importanza tal-ħarsien tat-tradizzjonijiet legali u l-aspetti fundamentali tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja kriminali hija enfasizzata fl-Artikolu 83 u fl-Artikolu 67 TFUE. Id-Direttiva l-ġdida tinkludi xi punti importanti fejn l-armonizzazzjoni mhijiex biss dettaljata ħafna iżda wkoll orizzontali fis-sens li taffettwa b'mod sinifikanti l-kategoriji l-oħra kollha ta' reati minbarra r-reati ambjentali. Il-Finlandja tqis li huwa importanti li taderixxi man-natura tad-dritt kriminali tal-UE bħala armonizzazzjoni minima fl-oqsma speċifiċi previsti fit-TFUE.

Għall-Finlandja, speċjalment id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva l-ġdida dwar il-pieni, u dawk dwar il-pieni għall-persuni ġuridiċi u b'mod partikolari dwar ir-reat kwalifikat, ma jidhrux li huma kompletament konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità u l-premessa ta' armonizzazzjoni minima."